MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 66/2008

Kawza fil-lista: 17

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-attur u l-konvenuta izzewgu nhar is-26 ta' Settembru tas-sena 1997, fir-Registru Pubbliku fil-Belt Valletta; kif jindika c-certifikat anness bhala Dok. IA 1;

2. Illi dan iz-zwieg gie skritt fir-registri tar-Registru Pubbliku bhala Att taz-Zwieg Numru 390/07 tas-sena 1997;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u b' anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini ta' l-artikolu 19(1d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat ukoll minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini ta' l-artikolu 19(1f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi minhabba ragunijiet premessi bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-26 ta' Settembru 1997, huwa null u bla effett fil-ligi ai termini ta' l-Artikolu 19 (1d) u 19 (1f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna li dina n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok ma jezistux l-estremi legali sabiex iz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet kontendenti jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-pretensjoni u l-allegazzjoni li l-konvenuta setghet b' xi mod agixxiet b' mod qarrieqi hija abbuziva u inveritiera, stante illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-eccipjenti dejjem qdiet l-obbligi taghha

matrimonjali fl-intier taghhom, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, u f' kaz illi jirrizulta a sodisfazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li hemm lok li z-zwieg jista jigi dikjarat null u bla effett, dan zgur li mhux minhabba tortijiet u htija imputabbli lill-esponenti, u dan ukoll kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi jsegwi illi l-esponenti m' ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fis-26 ta' Settembru 1997 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partiijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d], u dak tal-konvenuta, fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta ssostni li z-zwieg huwa wiehed validu, u ma jezistux l-estremi legali sabiex jigi dikjarat null; hija tichad dak imputat lilha fir-rikors promotur u tiddikjara li hi "dejjem qdiet l-obbligi taghha matrimonjali fl-intier taghhom..."[1] In subordine tghid li, jekk il-Qorti jidhrilha li z-zwieg huwa null, "dan zgur li mhux minhabba tortijiet u htija mputabbli lill-esponenti."

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-26 ta' Settembru 1997 meta allura l-attur kellu 21 sena u l-konvenuta kellha 23 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin ghal perijodu ta' circa sentejn u

[1] Fol.22

nofs. Fl-ahhar parti ta’ dan il-perijodu l-attur kien jabita mal-konvenuta flimkien mal-genituri taghha.

F’ dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal: tifel fid-9 ta’ Ottubru 1998, u tifla fit-2 ta’ Frar 2003.

Wara konvivenza matrimonjali ta’ bejn hames u sitt snin, l-attur telaq mid-dar matrimonjali, u l-partijiet isseparaw. Illum l-attur ghandu relazzjoni extra matrimonjali li ilha sejra circa erba’ [4] snin, u minn din ir-relazzjoni ghandu tarbija ta’ circa tlett [3] snin.

*Verzjoni ta’ l-Attur*

L-attur jghid li meta huwa ltaqa’ mal-konvenuta huwa ried jizzewwigha biex jehles mis-sikkatura tad-dar fejn kien jghix mal-genituri tieghu. Jghid li, nonostante li missieru ma kellux pjacir bil-konessjonijiet familjari tal-konvenuta, huwa xorta wahda ghamel ta’ rasu u baqa’ ghaddej bir-relazzjoni.

Jghid li, huwa kien ferhan bil-konvenuta, allura namrata tieghu, u hi kienet accettat mall-ewwel il-proposta tieghu taz-zwieg. Ghalkemm fix-xhieda tieghu, l-attur jghid li hu kien ippropona z-zwieg wara gimghatejn li bdew johorgu flimkien, huma zzewwgu sentejn u nofs wara.

Huwa jilmenta mill-fatt li, fiz-zmien l-gherusija, huma kienu jqattghu hafna hin fil-prezenza tal-genituri tal-konvenuta, u hin ghalihom kellhom ftit wisq ; jghid li huma kienu jkunu hafna “id-dar  ghand ommha, [u] meta nohorgu, ommha tigi maghna.”; izda xorta wahda kienu jsibu hin biex jikollhom relazzjonijiet intimi.  L-attur jghid li matul dan il-perjodu “konna nitkellmu fuq it-tieg, kont nghidilha nizzewwgu u jkollna l-familja.”[2]

Wara z-zwieg il-partijiet kienu accettaw, fuq offerta maghmula mill-genituri tal-konvenuta, li jirrisjedu fid-dar tal-genituri taghha. Jghid li meta l-konvenuta, allura martu, harget tqila bl-ewwel tifel, “hadt hasda tal-ferh, u hasda hekk, qisek tecita [ruhek] naqra zghira, pero’ hadt pjacir

[2] Dep.fol.36

minn naha l-ohra, l-ewwel darba li ser issir papa."[3] izda ma' l-ahbar tat-tieni tqala huwa qal li kien "staghgibt u bqajt iccassat" u dana "ghax ma kontx ihossni ppreparat ghat-tieni tarbija, anke finanzjarjament."[4]

Jghid li, wara sentejn wara t-twelid tat-tifel il-kbir, iz-zwieg ma kienx hazin, izda wara, il-partijiet bdew jesperjenzjaw diffikultajiet fiz-zwieg. Huwa jghid li l-konvenuta kienet tiggieled hafna kemm mieghu, kif ukoll ma' ommha. Jghid ukoll "li hi kienet thobb tberbaq hafna flus"[5] u kellha komportament arroganti fil-konfront tieghu. Eventwalment wara t-twelid tat-tieni tarbija, ir-relazzjoni taghhom taht hzienet li hu telaq mid-dar konjugali.

*Verzjoni tal-Konvenuta*

Il-konvenuta tghid li l-problemi matrimonjali bdew meta hi harget tqila bit-tieni wild. Tghid li wara dan iz-zmien hija kellha tieqaf tahdem, u l-partijiet bdw jesperjenzjaw problemi ta' natura finanzjarja, anke peress li l-attur kien "jitlaq minn xoghol ghal iehor, u mbaghad spiccajna b' paga wahda ; il-flus ma bdewx iservu, u l-komportament tieghu nbidel mill-lejl ghan-nhar."[6] Sar aggressiv u nervuz hafna.

Il-konvenuta tispjega li sa l-ewwel hames snin taz-zwieg, hija kienet tahdem u ma kien hemm l-ebda problema. Tghid li f' dan iz-zmien il-hajja sesswali taghhom kienet "normalissima".[7] u li sal-gurnata ta' qabel ma telaq, huma kellhom relazzjonijiet intimi.[8]

Hija tilmenta mill-fatt li meta kien ikollhom xi jghidu, l-attur kien jitlaq mid-dar u jmur ghand ommu ; izda tghid li r-rwol tal-mama tieghu ma kienx prezenti hafna fiz-zwieg,[9] u ma kienx ta' tfixkil fiz-zwieg taghhom.

---

[3] Dep. fol.43
[4] Dep. fol.51
[5] Dep. fol.55
[6] Dep. fol.67
[7] Dep. fol.73
[8] Dep. fol.74
[9] Dep. fol.79

Huma sseparaw wara konvivenza matrimonjali ta' circa sitt snin. Tghid li wara s-separazzjoni saret taf li l-attur kellu relazzjoni extra matrimonjali u li kellu tarbja minn mara ohra.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-bazi legali li fuqha l-attur qed jpproponi t-talba tieghu, huma l-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu precitat.

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u hija tal-fehema li l-attur, kuntrarjament ghall-konvenuta, ma kienx veritier f' diversi aspetti tax-xhieda tieghu.

Mill-provi jirrizulta ghas-sodisfazzjoni ta' din il-qorti li l-attur ried jizzewweg lill-konvenuta principalment ghax kellu grazzja maghha, u sabiex jibni familja. Hu jghid li kien iddecieda li jizzewweg lill-konvenuta, u mhux lit-tfajliet li kellu qabel, ghax dak iz-zmien "rajt hafna hlewwa fiha .. u qisek go fik thoss li din ir-right one."[10] u d-decizjoni tieghu kienet bazata fuq il-fatt li hu xtaq li jibni familja maghha, fi kliemu: "..kont nghidilha nizzewwgu, u jkollna familja."[11]

Anke l-konvenuta riedet tizzewweg lill-konvenut, tant li, hu stess jghid li hija accettat mal-ewwel il-proposta tieghu taz-zwieg, ghalkemm, skond hu, maghmula fi zmien bikri tar-relazzjoni taghhom.

Illi f' dan il-kaz l-attur ma rnexxielux jipprova li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens materjali, hu jew l-konvenuta, kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u l-obbligi matrimonjali, jew kellhom anomalija psikologika fit-termini tat-tieni parti tal-paragrafu [d].

Il-provi juru li, qabel iz-zwieg huma kienu jiffrekwentaw lil xulxin ta' spiss, u ghal xi zmien l-attur kien addirittura jghix fid-dar tal-konvenuta mal-genituri taghha, kien jkollhom relazzjonijiet intimi flimkien, u kienu jhobbu lil xulxin u riedu li jizzewwgu biex jikkonvivu flimkien il-hajja konjugali u jibnu familja flimkien ; tant li huma kellhom zewgt-it tfal,

[10] Dep. fol.44
[11] Supra.

l-ewwel wild wara circa sena mid-data taz-zwieg, u t-tieni wild erba' snin wara. Sfortunatament, sussegwentement bdew jinqalghu l-problemi bejniethom li wasslu ghas-separazzjoni personali.

In propozitu hija opportuna l-osservazzjoni li, l-fatt li matul il-konvivenza matrimonjali l-konjugi jesperjenzjaw problemi li jistghu jwasslu ghas-separazzjoni, anke jekk ta' natura gravi, dan il-fatt ma jwassalx necessarjament ghall-konfigurazzjoni ta' l-estremi tal-annullament taz-zwieg, li huma differenti minn dawn tas-separazzjoni personali.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici ma jsibux sostenn fil-provi, u ghalhekk ma jimmeritawx li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------